Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 507/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Paul Polidano

Illum 29 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Paul Polidano detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 232165M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta' SAMBRO SERVICE STATION LTD u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas sal-hmistax il-jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (9) denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Marzu, 2012 sal-31 ta' Marzu, 2014 u dan bi ksur tal-artikoli 27, 66, 76 (c) u 76 (d) tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' hijta, minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat jikkonferma ruhu mal-ligi fiz-zmien bizzejjed sabiex jaghmel dan, liema

zmien m'ghandux jeccedi tlett xhur taht multa ta' mhux inqas minn hames Ewro ghall-kull jum  li dan in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Novembru, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 27, 66, 76(c) u 76(d) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' disa' mitt Ewro (€900). Peress li t-talba ghall-imposizzjoni ta' terminu u multa addizjonali giet irtirata l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Paul Polidano, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Novembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobhathassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Paul Polidano huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok u bir-rispett l-esponent umilment jirrileva illi s-sejbien tal-htija tieghu mill-ewwel Onorabbli Qorti, hija wahda 'unsafe and unsatisfactory'. L-esponent huwa tal-umli fehma illi in linea generali r-rizultanzi proceswali huma nieqsa mill-piz tal-prova tali, rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali. Ma ngabitx prova sufficjenti li l-esponent kien direttur jew addirittura direttur tas-socjeta' msemmija, responsabbli skond l-imputazzjoni kif migjuba.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, f'kaz u f'kaz biss li jigi dikjarat li saret il-prova li l-esponent kien direttur, jigi sottomess bir-rispett li r-rizultanzi processwali juru sufficjentement li in effetti kienu ttiehdu l-prekawzjonijeit mehtiega sabiex is-

socjeta' msemmija tottempora ruhha mal-ligi. Din bhala konsegwenza ggib maghha n-nuqqas ta' rabta legali/penali bejn l-operat tal-esponent u l-allegazzjoni tla-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif migjuba fl-imputazzjoni.

Ghalhekk jigi sottomess bir-rispett li l-esponent, a bazi tar-rizultanzi processwali, m'ghandux jinstab hati tal-imputazzjoni kif dedotta u minnha ghanedu jigi liberat skond il-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen illi fil-kaz odjern jezitu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ilment ewlieni ripost ghal gudizzju ta' din il-qorti ta' revizjoni jikkoncerna il-vesti guridika li fiha gie imharrek l-appellanti. Jishaq l-appellanti fl-ewel aggravvju minnu imressaq illi ma hemm l-ebda prova in atti illi huwa direttur tas-socjeta Sambro Service Station Ltd u li allura huwa responsabbli ghall-akkuza kriminali diretta kontra tieghu.

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*"

Illi minn qari akkurat tat-tahrika mahruga fil-konfront ta'l-appellanti jirrizulta illi huwa gie imharrek "ghan-nom u in rappresentanza ta' Sambro Service Station Ltd u/jew bhala persuna registrata mal-Kumissarju tat-Taxxi skond l-Att ta'l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud", u mhux kif indikat erronjament mill-appellanti fir-rikors tieghu fejn jallega li hu gie imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur ta' din is-socjeta kummercjali.

Issa mill-atti probatorji u senjatament mid-Dokumenti SP1 sa SP3 jirrizulta illi l-applikazzjoni ghal registrazzjoni ai fini ta' taxxa saret minn certu Carmel Polidano u mhux mill-appellanti. Izda imbaghad mid-dokumenti sussegwenti mahruga mir-registru tal-Malta Financial Services Authority johrog illi l-appellanti huwa kemm direttur, kif ukoll wiehed mir-rapprezentanti legali u gudizzjarji tas-socjeta. Kwindi huwa gie imharrek tajjeb fil-vesti tieghu ta' rapprezentant tas-socjeta iccitata. Kwindi l-ewwel aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi rigettat.

Illi sussidjarjament ghal dan l-aggravvju, l-appellanti isostni illi kienu ittiehdu il-prekawzzjonijiet kollha necessarja minn naha tieghu ghall-osservanza tal-ligi. Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

**"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**

Issa bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta'l-appellanti ma hemmx l-icken prova in atti li tindika remotament x'passi ha l-appellanti sabiex jottempera ruhu mal-ligi u allura huwa ippruvat illi d-denunzji ghal perijodu taz-zmien indikati fl-akkuza gew ipprezentati minghajr il-hlas relattiv. X'kienet ir-raguni ghal dan ma tohrogx mill-atti. Illi din il-Qorti allura ma tistax tifhem kif l-appellanti iqies illi dan l-aggravvju jisthoqqlu akkoljiment meta lanqas biss ressaq prova fir-rigward, prova li necessarjament kienet tinkombi fuqu. Ghaldaqstant anke dan it-tieni aggravvju qed jigi rigettat.

Finalment jifdal biex jitqies l-ahhar aggravvju li jikkoncerna il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti. Illi minghajr tlaqliq il-Qorti tistqarr illi dan l-aggravvju lanqas ma jisthoqqlu konsiderazzjoni billi huwa evidenti illi l-piena inflitta hija fil-parametri

tal-ligi u tqarreb lejn il-minimu. Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

**""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. (Blackstone Criminal Practice 2004).** Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravvju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

Edwina Grima

Imhallef